

Brussell, 27 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9719/26
ADD 1

EF 161
ECOFIN 675
DELECT 92

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3334 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u fl-applikazzjoni għar-rikonnoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3334 annex.

Mehmuż: C(2026) 3334 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2026
C(2026) 3334 final

ANNEXES 1 to 5

ANNEX

ta'

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../...

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG

ANNES I

REFERENZI TAD-DOKUMENTI

L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew rikonoxximent skont l-Annessi II, III, IV u V għandha tkun akkumpanjata mit-tabella li ġejja mimlija kif xieraq:

Anness rilevanti għal dan ir-Regolament	Numru ta' referenza tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu, taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għalfejn l-informazzjoni mhix ipprovduta
...			
...			
...			
...			

ANNEX II

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN IPPROVDUTA FL- APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI JEW RIKONOXIMENT

Parti A - Informazzjoni Ġenerali

- (a) isem sħiħ tal-applikant;
- (b) l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat tal-applikant fl-Unjoni [Stat Membru, belt, indirizz tat-triq, kodiċi postali] jew l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat tal-applikant barra mill-Unjoni [pajjiż, belt, indirizz tat-triq, kodiċi postali], kif rilevanti;
- (c) hyperlink għas-sit web tal-applikant;
- (d) fejn disponibbli, in-numru tal-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) tal-applikant.

Parti B — Dettalji tal-persuna ta' kuntatt

- (a) l-isem;
- (b) it-titolu;
- (c) l-indirizz;
- (d) l-indirizz tal-posta elettronika;
- (e) in-numru tat-telefown.

Parti C — Status ġuridiku

Prova tal-istatus legali tal-applikant, bħal silta mir-reġistru kummerċjali jew tal-qorti rilevanti jew evidenza ekwivalenti oħra.

Parti D — Struttura tas-sjieda

- (a) l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-applikant;
- (b) l-istruttura tas-sjieda tal-applikant, li tispeċifika:
 - (i) il-persentaġġ tal-kapital;
 - (ii) in-natura tal-azjenda (diretta jew indiretta);
 - (iii) il-perċentwal tad-drittijiet tal-vot tas-sidien rilevanti;
- (c) ċart li tistabbilixxi r-rabtiet ta' sjieda bejn l-applikant, l-impriża/i prinċipali tiegħu u s-sussidjarji tiegħu, mal-impriżi kollha inklużi fiċ-ċart identifikati bl-isem ġuridiku sħiħ tagħhom.

Parti E — Attivitajiet

Għal kull impriża inkluża fiċ-ċart imsemmija fil-punt (c) tal-Parti D) li twettaq attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG jew kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005:

- (a) it-tip ta' attività mwettqa, filwaqt li jiġi indikat jekk hijiex attività ta' klassifikazzjoni ESG jew kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005;

- (b) fejn applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-attività kkonċernata.

Parti F — Maniġment superjuri

- (a) organigrama li tagħti dettalji dwar l-istruttura organizzazzjonali tal-applikant, inkluża identifikazzjoni ċara tar-rwol, tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet għal kull membru tal-maniġment superjuri.
- (b) għal kull membru tal-maniġment superjuri:
 - (i) l-isem;
 - (ii) il-post tat-twelid;
 - (iii) id-data tat-twelid;
 - (iv) ir-rwol fi ħdan il-maniġment superjuri tal-applikant;
 - (v) curriculum vitae li juri mill-inqas il-livell ta' kwalifika, esperjenza u taħriġ;
 - (vi) prova tan-nuqqas ta' rekords kriminali relatati mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-forniment ta' servizzi finanzjarji jew servizzi ta' data, atti ta' frodi jew approprjazzjoni indebita, permezz ta' ċertifikat uffieċjali.

Għall-finijiet tal-punt (b)(vi), meta tali ċertifikat ma jkunx disponibbli fil-pajjiż ikkonċernat, awtodikjarazzjoni ta' reputazzjoni tajba u l-awtorizzazzjoni lill-ESMA biex titlob mill-awtoritajiet ikkonċernati informazzjoni dwar jekk dak il-membru jkunx instab ħati ta' reat kriminali b'rabta mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-forniment ta' servizzi finanzjarji jew servizzi ta' data jew b'rabta ma' atti ta' frodi jew approprjazzjoni indebita.

Parti G - Riżorsi tal-persunal

- (a) l-għadd ta' analisti tal-klassifikazzjoni li huma direttament involuti fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG u sommarju tal-esperjenza ġenerali tal-industrija tagħhom, il-livell ta' taħriġ u l-livell ta' anzjanità;
- (b) eskluż il-persunal imsemmi fil-punt (a), l-għadd ta' impjegati u persuni oħra li jaħdmu għall-applikant li huma involuti direttament f'attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG flimkien ma' sommarju tal-esperjenza tal-industrija, il-livell ta' taħriġ u l-livell ta' anzjanità skont il-qasam ta' responsabbiltà, u li huma involuti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) l-iżvilupp u r-rieżami tal-metodoloġiji;
 - (ii) il-ġbir u l-analiżi tad-data;
 - (iii) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, ir-riżorsi, il-politiki u l-proċeduri interni tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG meħtieġa għall-konformità mar-Regolament (UE) 2024/3005.

Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' applikazzjoni, l-informazzjoni pprovduta jenħtieġ li tkun fil-livell tat-tim jew tal-grupp ta' persuni li jwettqu l-attivitajiet.

Parti H — Kopertura mistennija tas-suq

- (a) l-għadd ta' prodotti ta' klassifikazzjoni ESG li l-applikant biħsiebu jipprovdi fl-Unjoni.
- (b) għal kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG li l-applikant biħsiebu jipprovdi fl-Unjoni:
 - (i) l-isem ta' dak il-prodott;
 - (ii) deskrizzjoni ta' dak il-prodott;
 - (iii) l-għadd jew l-għadd mistenni ta' elementi kklassifikati koperti.

Parti I - Proċeduri u metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG

- (a) għal kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG indikat skont il-Parti H, deskrizzjoni tal-proċeduri u l-metodoloġiji applikabbli għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet ESG, inkluża informazzjoni dwar:
 - (i) jekk l-applikant hux qed jistenna li juża l-informazzjoni żvelata skont ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
 - (ii) jekk l-applikant jistenniex li juża metodoloġiji li huma bbażati fuq evidenza xjentifika u jqis il-miri u l-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jew kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti ieħor;
- (b) proċeduri għar-rieżami tal-klassifikazzjonijiet ESG;
- (c) proċeduri għar-rieżami tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni ESG.

Parti J - Politiki jew proċeduri għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess

Il-politiki jew il-proċeduri implimentati mill-applikant għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/3005, inkluża l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni tal-kanali ta' rapportar interni għar-riċeviment u t-trattament tal-informazzjoni pprovduta minn persuni li jirrapportaw ksur reali jew potenzjali tal-prinċipju tal-indipendenza u ta' miżuri li jiżguraw il-protezzjoni tal-identità ta' tali persuni;
- (b) il-proċess ta' rieżami u approvazzjoni għall-onboarding ta' klijenti ġodda, in-negożjar tal-kontijiet personali tal-impjegati, l-attivitajiet kummerċjali esterni u l-aċċettazzjoni ta' rigali u ospitalità;
- (c) il-kriterji biex tiġi ddeterminata r-remunerazzjoni tal-persuni msemmija fil-Parti G;
- (d) it-termini ta' referenza għall-korp maniġerjali.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2088/oj>).

² Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).

Parti K - Arranġamenti ta' esternalizzazzjoni

Fejn applikabbli, dokumenti u informazzjoni relatati ma' kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni eżistenti jew ippjanat għal attivitajiet koperti mir-Regolament (UE) 2024/3005, inkluż:

- (a) il-politika ta' esternalizzazzjoni jew dokumenti oħra li juru l-konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II, il-punt 2, tar-Regolament (UE) 2024/3005;
- (b) kopja ta' kwalunkwe ftehim eżistenti ta' esternalizzazzjoni.

Parti L — Attivitajiet oħra, inklużi approvazzjonijiet mistennija

Fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-attivitajiet kummerċjali l-oħra tal-applikant, inklużi:

- (a) l-isem u d-deskrizzjoni ta' kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa mill-applikant, jew li l-applikant biħsiebu jwettaq;
- (b) fejn applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a).

Parti M - Miżuri speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-applikant

- (a) għal kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), il-punti (c), (d) u (f), tar-Regolament (UE) 2024/3005, informazzjoni dwar il-miżuri speċifiċi li l-applikant ikun stabbilixxa f'konformità mal-[RTS dwar is-Separazzjoni tan-Negożju];
- (b) spjegazzjoni għaliex il-miżuri msemmija fil-punt (a) jitqiesu suffiċjenti mill-applikant.

Parti N - Attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG preċedenti

Fejn applikabbli, informazzjoni dwar attivitajiet preċedenti ta' klassifikazzjoni ESG, inkluż:

- (a) kwalunkwe liċenzja rilevanti fil-pussess tagħhom, li tindika l-perjodi ta' validità tagħhom;
- (b) kwalunkwe prodott ta' klassifikazzjoni ESG ipprovdut qabel li ma huwiex indikat fil-Parti H;
- (c) l-isem tal-entità ġuridika li taħtha twettqu tali attivitajiet;
- (d) fejn applikabbli, l-isem tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni ta' tali attivitajiet.

ANNEX III

INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA U ADDIZZJONALI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA F'APPLIKAZZJONI GĦAR-RIKONOXXIMENT TAL-FORNITURI TA' KLASSIFIKAZZJONIJIET ESG STABILITI BARRA MILL-UNJONI

Parti A - Rappreżentant legali fl-Istat Membru ta' referenza

Fir-rigward tar-rappreżentant legali msemmi fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005:

- (a) l-isem sħiħ;
- (b) l-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI), fejn disponibbli;
- (c) artikoli ta' inkorporazzjoni, artikoli ta' assoċjazzjoni jew dokumenti kostituzzjonali oħra;
- (d) informazzjoni dwar jekk hijiex taħt superviżjoni u l-isem tal-awtorità superviżorja;
- (e) konferma bil-miktub tal-awtorità tar-rappreżentant legali li jaġixxi f'isem il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG f'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005;
- (f) l-isem, it-titolu, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon ta' persuna ta' kuntatt fi ħdan ir-rappreżentant legali.

Parti B - Informazzjoni dwar il-miżuri ta' konformità

Fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jipprovdu:

- (a) valutazzjoni mir-rappreżentant legali tal-adegwatezza tal-miżuri stabbiliti mill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG;
- (b) deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti mir-rappreżentant legali għall-monitoraġġ tal-konformità fuq bażi kontinwa.

Parti C - Informazzjoni dwar il-fatturat

Għal kull waħda mill-aħħar tliet snin konsekuttivi:

- (a) kopja tar-rapporti finanzjarji annwali tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, għall-aħħar tliet snin konsekuttivi, inklużi rapporti finanzjarji individwali u konsolidati, fejn applikabbli.
- (b) ir-rapporti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u kkonsolidati msemmija fil-punt (a), meta dawn ikunu soġġetti għal awditi esterni indipendenti;
- (c) meta ma jkun disponibbli l-ebda rapport tal-awditjar kif imsemmi fil-punt (b), valutazzjoni minn awdatur estern indipendenti jew ċertifikazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, tal-fatturat nett annwali tal-attivitajiet kollha tiegħu.

Parti D — Informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG maħsuba biex jitqassmu fl-Unjoni

Il-lista, f'format.csv, ta' klassifikazzjonijiet ESG attwali jew prospettivi li fid-data tal-applikazzjoni jkunu maħsuba għall-pubblikazzjoni jew għad-distribuzzjoni fl-Unjoni.

Parti E — Informazzjoni dwar attivitajiet barra l-Unjoni

Fejn applikabbli, fir-rigward tal-attivitajiet tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG barra mill-Unjoni:

- (a) l-isem tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tagħha;
- (b) l-indirizz tal-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz;
- (c) attività li għaliha l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG huwa liċenzjat jew sorveljat;
- (d) id-dati rispettivi li għalihom il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ġie liċenzjat jew sorveljat.

L-ANNESS IV

INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA U ADDIZZJONALI GĦANDHA TIĠI PPOVDUTA FIL-KUNTEST TAL-APPROVAZZJONI TAL-KLASSIFIKAZZJONIJIET ESG

Indikazzjoni ta' jekk il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG huwiex qed jitlob awtorizzazzjoni biex japprova l-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/3005, u fejn iva, għal kull approvazzjoni mistennija:

- (a) l-isem, u fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI), tal-entitajiet ġuridiċi li minnhom se jiġu approvati l-klassifikazzjonijiet ESG;
- (b) l-informazzjoni meħtieġa skont il-Parti H, l-Anness II ta' dan ir-Regolament għal kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG li għandu jiġi approvat;
- (c) raġunijiet oġġettivi għall-approvazzjoni ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG;
- (d) il-miżuri stabbiliti mill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005.

ANNEX V

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI SPEĊIFIKA GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA FIL-KUNTEST TAL-FORNIMENT TA' PARAMETRI REFERENZJARJI

Indikazzjoni ta' jekk il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG huwiex qed jitlob li jiġi awtorizzat jipprovdi parametri referenzjarji f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005 u, fejn iva:

- (a) il-miżuri speċifiċi msemmija li l-applikant ikun stabbilixxa f'konformità mal-Artikolu 3 tal-[RTS dwar is-Separazzjoni tan-Negozju];
- (b) valutazzjoni dwar għaliex l-applikant iqis li l-miżuri msemmija fil-punt (a) huma biżżejjed;
- (c) informazzjoni dwar jekk il-Fornitur tal-Klassifikazzjoni ESG jipprovdi jew għandux l-intenzjoni li jipprovdi parametri referenzjarji li jsegwu objettivi ta' sostenibbiltà, b'mod partikolari Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (23a), tar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (23b), ta' dak ir-Regolament.

³ Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1011/oj>).